MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2004

Numru. 720/2002

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)
vs
Charles (Carmelo) Azzopardi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Charles (Carmelo) Azzopardi, detentur tal-karta ta’ l-identita Nru 345577M li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-28 ta’ April 2002 fir-Rabat, ghamel uzu xjentement ta’ marki, sinjali, tabelli jew emblemi, ADIDAS u NIKE li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija b’din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhal deskrizzjoni kummercjali falza, jew biegh, zamm jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, numru ta’ brieret b’marka, sinjal, jew emblema imxebbha, bi ksur ta’ l-Artikolu 298(1) tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bi qligh, jew bi skop ta’ kummerc, biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-biegh jew biex jitqassam, xi artikoli jew hwejjeg u cioe numru ta’ brieret, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur ta’ persuna ohra u protetti bil-Ligi ta’ Malta jew tahtha, bi ksur ta’ l-Artiklu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tikkundanna lill-Charles Azzopardi ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu waqt is-seduta tad-29 ta’ Jannar, 2004;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena;

Ikkunsidrat :

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha u dan wara li rat l-Artikoli 298 u 298 (b) u 533 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, il-fatt illi huwa irregistra ammissjoni, kif ukoll il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-oggetti kollha gew rikuperati kollha mill-Prosekuzzjoni u jinsabu esebiti f’dawn il-proceduri. Ghalhekk tara illi piena

karcerarja ma tkunx idoneja ghall-akkadut u li jkun ferm aktar ta’ beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta’ in generali jekk l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini il-fatt illi hija spjegat lill-hati li jekk huwa jaghmel reat iehor matul il-perjodu ta’ sentejn mil-lum u jigi misjub hati tieghu il-Qorti li issibu hekk hati tista tghaddi biex tikkundannah ukoll ghal dan ir-reat.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-kundanna tal-imputat ghall-hlas ta’ l-ispejjez ta’ l-esperti peress illi irrizulta li ma tqabbad l-ebda espert f’dan il-kaz.

Finalment il-Qorti tordna d-destruzzjoni tal-oggetti maqbuda taht l-awtorita tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------